MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 327/2007

**A B f' isimha proprju,**
**u ghan-nom ta' binha C D B**
**vs**
**E B. D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi nhar l-14 ta' Mejju tas-sena 1999 l-attrici welldet tarbija ta' sess maskili li nghata l-isem ta' C minn relazzjoni barra miz-zwieg li kellha mal-konvenut E B D kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid markat Dok. A;

Illi l-konvenut kien irrikonoxxa lill-imsemmi minuri C D B bhala ibnu naturali kif jirrizulta wkoll mill-anness Dokument markat Dok. C;

Illi l-partijiet kienu waslu ghal ftehim verbali kemm dwar id-dritt ta’ l-access favur il-missier naturali u kif ukoll dwar il-kontribut finanzjarju li l-konvenut ghandu jissomministra lill-attrici bhala ghajnuna ghat-trobbija tal-minuri u dana fl-ammont ta’ sittin lira fix-xahar pagabbli fil-bidu ta’ kull xahar bil-quddiem;

Illi filwaqt li ma nqalghu ebda problemi dwar l-access u difatti l-missier naturali ghadu sallum jezercita dan id-dritt tieghu minghajr ebda ostakloli u ntoppi ta’ xejn da parti ta’ l-istess attrici, mhux l-istess jista’ jinghad ghal fejn jidhol il-ftehim fuq l-obbligu finanzjarju tieghu;

Illi difatti mill-bidu tas-sena korrenti, il-konvenut beda jissomministra alimenti fl-ammont ridott ta’ Lm30 fix-xahar minflok Lm60 u inoltre dawn bdew jintbaghtu b’ manjiera mhux fiz-zmien miftiehem cioe’ fil-bidu ta’ kull xahar izda b’ mod aktar sporadiku;

U peress illi l-imsemmi minuri qed jirrisjedi mal-attrici u jinsab taht il-kura u kustodja effettiva tal-istess attrici;

U peress illi l-proceduri ta’ medjazzjoni nghalqu minghajr ebda esitu pozittiv;

U peress illi l-attrici giet awtorizzata tistitwixxi l-odjerni proceduri in forza ta’ digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti hawn anness markat Dok. B;

Ghaldaqstant l-attrici proprio et nomine titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiffissa dik ir-retta ta’ alimenti li l-konvenut qua missier naturali tal-imsemmi minuri ghandu jkun obbligat li jhallasha bhala s-sehem tieghu ghat-trobbija tieghu;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici dak l-ammont kif iffissat minn dina l-Qorti ghal dak kollu li ghandu x’ jaqsam mal-ispejjez in konnessjoni mal-edukazzjoni u sahha tal-minuri;

3. Tordna li l-kura u l-kustodja legali tal-imsemmi minuri ghandha tkun fdata f' idejn l-attrici;

4. Tordna li l-patria potestas tal-imsemmi minuri ghandha tinghata esklussivament lill-istess attrici,;

5. Taghti kull ordni jew provvediment iehor li jkun jidrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa in sostanza li huwa jaqbel li l-minuri twieled mir-relazzjoni ta' bejniethom, u li, ghalkemm il-minuri dejjem kien fil-kura u kustodja effettiva ta' l-attrici ommu, huwa "dejjem kien partecipi fit-trobbija u fil-kura u kustodja" tieghu; inoltre, huwa jissomministra retta alimentarja ghall-minuri fl-ammont pattwit ta' €140 fix-xahar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Rat il-verbal registrat mill-partijiet fis-seduta mizmuma fl-14 ta' Ottubru 2008 quddiem l-Assistant Gudizzjarju Dottor Emanuel Buttigieg a fols.28 u 29 tal-process, fejn il-partijiet talbu li din il-Qorti taghti sentenza skond il-ftehim raggjunt minnhom fl-istess seduta.

Rat li l-kawza giet rikjamata ghad-data ta' llum;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li tigi fissata rata alimentarja dovuta mill-konvenut lilha bhala manteniment ghat-tifel minuri taghhom; u li l-konvenut jigi kkundannat ihallas dan il-manteniment flimkien mal-kontribut tieghu ghall-ispejjez konnessi ma' l-edukazzjoni u sahha tal-minuri; kif ukoll sabiex l-attrici tinghata l-kura u kustodja u l-patria potestas esklussiva tal-minuri.

Illi fil-mori tal-proceduri l-partijiet ftehimu bil-mod segwenti dwar il-meritu tal-kawza:

“[1] Il konvenut jobbliga ruhu illi jhallas manteniment lill-attrici ghan-nom tal-minuri C D B is-somma ta’ mija u erbghin Ewro (€140) fix-xahar, liema pagament ghandu jithallas permezz ta’ standing order ma’ bank lokali.

[2] Il-konvenut jinkariga ruhu illi skond il-mezzi finanzjarji tieghu ghandu jikkontribwixxi ghall-ispejjez in konnessjoni ma’ l-edukazzjoni u sahha tal-minuri.

[3] Il-kura u l-kustodja legali tal-minuri C D B ghandha tkun fdata favur l-attrici;

[4] Il-konvenut ghandu dritt ta’ access favur il-minuri C D B bil-mod segwenti: fl-istagun ta’ l-iskola l-access ser ikun ezercitat fil-weekend mis-Sibt filghodu sal-Hadd filghaxija sakemm ma jkunx xoghol. Fl-istagun meta dan il-minuri ma jkollux skola, il-konvenut ikollu dritt ta’ l-access meta jkun frank u ma jkollux xoghol u dan bejn darbtejn u tliet darbiet fil-gimgha skond il-ftehim bejn il-partijiet kif jiftehmu minn zmien ghal zmien.

Il-partijiet jiftehmu illi l-obbligu tal-hlas tal-manteniment tal-minuri kif fuq spjegat ghandu jigi sospiz f’ kaz li l-istess minuri jibda jahdem fuq xoghol regolari u permanenti wara li jaghlaq sittax-il sena.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tilqa’ t-talbiet attrici fil-limiti tal-ftehim premess, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kumplament. L-ispejjez ikunu a kariku taz-zewg partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------